**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Joseph Meilaq**

**Illum 16 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Meilaq ta' 32 sena imwieled il-Pieta' nhar it-02 ta' Gunju 1982 bin Raymond u Nazzarena nee' Cachia residenti 'Misty ValeCourt', Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Bahar, Malta detentur tal-karta tal-identita' 0306782M:

Talli fit-8 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' 10.30hrs f'37, Triq il-Parrocca, Dingli u nhawi ohra f'Dingli, Malta:

1. B'mezz kontra ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, seta' fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' hames mitt euro (500 euro) ghad-dannu ta' Alfreda Del Volto Santo Abela (ID 709637M) u Maria Assunta Gambin (ID 600223M).

2. Kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

B'hekk l-imputat Joseph Meilaq sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310(1)(a) u 310BA(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum  mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja diversi drabi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 308, 309, 310(1)(c) u 310BA(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija.

Tordna li din is-sentenza u l-atti jigu rinvijati lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat